22003D0166



**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 166/2003**

**tal-5 ta' Diċembru 2003**

**li temenda l-Anness I (Materji veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 140/2003 tas-7 ta' Novembru 2003 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tippreskrivi r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-produzzjoni, ipproċessar, tqassim u introduzzjoni ta' prodotti ta' oriġini minn annimali għall-konsum uman ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(3) Ir-regoli tas-saħħa ta' l-annimali preskritti bid-Direttivi tal-Kunsill 72/461/KEE ([3]), 80/215/KEE ([4]), 91/494/KEE ([5]), 91/495/KEE ([6]), 92/45/KEE ([7]), 92/46/KEE ([8]) u 94/65/KE ([9]), li huma inkorporati fil-Ftehim, m'għandhomx japplikaw iktar mill-1 ta' Jannar 2005.

(4) Din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Islanda u l-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim huwa emendat kif ġej:

1. Li ġej għandu jkun inserit wara l-punt 6 (Direttiva tal-Kunsill 92/45/KEE) fil-Parti 5.1:

"**Prodotti ta' oriġini minn annimali għall-konsum uman**

6a. **32002 L 0099**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tippreskrivi r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-produzzjoni, ipproċessar, tqassim u introduzzjoni ta' prodotti ta' oriġini minn annimali għall-konsum uman (ĠU L 18, tat-23.1.2003, p. 11)."

([1]) ĠU L 41, tat-12.2.2004, p. 9.
([2]) ĠU L 18, tat-23.1.2003, p. 11.
([3]) ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 24.
([4]) ĠU L 47, tal-21.2.1980, p. 4.
([5]) ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 35.
([6]) ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 41.
([7]) ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 35.
([8]) ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 1.
([9]) ĠU L 368, tal-31.12.1994, p. 10.

2. It-titolu "Prodotti ta' annimali oħra" qabel il-punt 7 (Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE) fil-Parti 5.1 tiġi ħassar u tkun issostitwita b'li ġej:

"**Prodotti oħra ta' oriġini minn annimali**"

3. L-inċiż li ġej jinżdied mal-punti 1 (Direttiva tal-Kunsill 72/461/KEE), 2 (Direttiva tal-Kunsill 91/494/KEE), 3 (Direttiva tal-Kunsill 80/215/KEE), 4 (Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE), 5 (Direttiva tal-Kunsill 91/495/KEE) u 6 (Direttiva tal-Kunsill 92/45/KEE) fil-Parti 5.1:

"– **32002 L 0099**: Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 (ĠU L 18, tat-23.1.2003, p. 11)."

4. Li ġej għandhu jinżdied fil-punt 6 (Direttiva tal-Kunsill 94/65/KE) fil-Parti 6.1:

", kif emendat bi:

– **32002 L 0099**: Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 (ĠU L 18, tat-23.1.2003, p. 11)."

5. L-inċiż li ġej jinżdied mal-punti 11 (Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE), 13 (Direttiva tal-Kunsill 91/495/KEE) u 14 (Direttiva tal-Kunsill 92/45/KEE) fil-Parti 6.1:

"– **32002 L 0099**: Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 (ĠU L 18, tat-23.1.2003, p. 11)."

6. Li ġej għandi jinżdied fil-punt 10 (Direttiva tal-Kunsill 94/65/KE) fil-Parti 8.1:

", kif emendat bi:

– **32002 L 0099**: Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 (ĠU L 18, tat-23.1.2003, p. 11)."

7. L-inċiż li ġej jinżdied mal-punti 9 (Direttiva tal-Kunsill 91/494/KEE, 13 (Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE) u 14 (Direttiva tal-Kunsill 92/45/KEE) fil-Parti 8.1:

"– **32002 L 0099**: Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 (ĠU L 18, tat-23.1.2003, p. 11)."

*Artikolu 2*

It-test tad-Direttiva 2002/99/KE fil-lingwa Norveġiża, li għandu jkun ippubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Diċembru 2003, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru (ntbagħtu) lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali mhuma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ma', il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fil-5 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

HSH PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN